MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 740/2012

**Carmelo u Josephine konjugi Abela**

**vs**

**It-Tabib Principali tal-Gvern in rapprezentanza**

**tal-Ministru tas-Sahha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-25 ta’ Lulju 2012 li jghid hekk:

Illi huma propjetarji legittimi tal-Qabar li jinsab fic-Cimiterju tal-Addolorata f'Rahal Gdid, li jgib in-Numru 34, f'Divizjoni tal-Punent, f'Sezzjoni LA, Kompartiment E.

Illi huma kienu akkwistaw dan il-qabar minn gnand is-sidien precedenti, is-Sinjuri Iris Aquilina I.D.56024(M), Madilde Aquilina I.D.337481(M), u Josephine Ellul I.D.450922, stante li dawn kellhom zewqt oqbra.

Illi l-intimat kien hareg il-permess relattiv biex l-esponenti seta' jnaddaf il-Qabar Numru 34 li akkwista u biex jpoggi l-fdalijiet minnu fil-qabar tas-sinjuri vendituri fuq indikati, f'numru 7, f'sezzjoni 1A, Divizjoni Punent, Kompartiment G.

Illi wara li sar dan kollu l-intimat illum qed izomm lir-rikorrenti milli jaghmlu uzu mil-qabar taghhom billi jidfnu fih.

Illi l-intimat qed isostni bi skuza u raguni ghall-impediment tieghu l-fatt li antenat tal-vendituri kien wera x-xewqa f'testment tieghu li dan il-qabar kellu jigi ssigillat, haga li ma kienux jafu biha minn qabel l-esponenti kompraturi.

Illi l-esponenti jsostni li l-intimat issa li ghall kull buon fini l-esponenti saru sidien tal-qabar u stante li l-vendituri ma ssigillawx l-istess qabar imma ttrasferew il-fdalijiet u bieghu l-qabar, waqt li l-intimat hallihom jaghmlu dan issa ma jistghax izomm lill-esponenti milli jidfnu fih, ghax kull impediment semmai jorbot lill-eredi mhux lill-intimat, u lanqas lill-kompraturi rikorrenti.

Ghaldaqstant ighid l-intimat il-ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti 1) tiddikjara li l-esponenti huma sidien tal-imsemmi qabar Numru 34, f'Divizjoni Punent, f'Sezzjoni LA, Kompartiment E. U li b'hala tali jiddisponu minnu liberament; 2) tiddikjara li l-intimat ma ghandu l-ebda obbligu jew interess biex jimpedixxi lill-esponenti milli jidfnu fil-qabar taghhom; 3) tordna lill-intimat biex jippermetti li jsir dfin mill-esponenti fl-istess qabar taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

Eccezzjonijiet

1. Illi preliminarjament, in kwantu hija azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' att jew atti amministrattivi, il-kawza hija perenta bid-dekorriment tat-terminu ta' sitt xhur ai termini tal-artikolu 469(A)(3) tal-Kap. 12;

2. IIIi, preliminarjament ukoll, fir-rigward tal-ewwel talba, l-intimat mhuwiex il-legittimu kuntraddittur stante illi huwa qatt ma ppretenda li huwa s-sid tal-qabar de quo;

3. IIIi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni li ma jithalliex isir izjed dfin fil-qabar in kwisjoni hija korretta fil-ligi u ghandha tigi kkonfermata;

4. IIIi, subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Dikjarazzjoni Guramentata dwar il-fatti

1. Illi r-rikorrenti akkwistaw il-qabar in kwisjoni minghajr il-permess mehtieg mis-Supretendent tas-Sahha skond l-artikolu 4 tal-Kap. 17 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-permess sabiex jitnaddaf il-qabar hareg qabell-awtoritajiet kkoncernati saru jafu b'dispozizzjoni testamentarja fis-sens illi l-qabar in kwistjoni kellu jigi issigillat, u kieku l-awtoritajiet ikkoncernati kienu jafu b'din d-dispozizzjoni certament ma kienx jinhareg il-permess ghat-tindif tal-qabar;

3. Illi f'Ottubru tal-2011 l-intimat gie notifikat bl-ittra ufficjali annessa bhala Dok. TPG 1. Fl-10 ta' Marzu 2011 l-intimat ircieva l-ittra annessa bhala Dok. TPG 2.

Rat l-atti u n-noti tal-osservazzjonijiet li saru;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talbiet tal-atturi huma cari. Huma qed jitolbu dikjarazzjoni ta’ proprjeta fuq il-qabar 34 Divizjoni Punent Sezzjoni LA kompartament E u ghalhekk liberi li jiddisponu minnu kif iridu u li konsegwentement l-intimat ma ghandux obbligu jew interess jimpedixxi lil atturi milli jidfnu fil-qabar taghhom.

Jinghad mill-bidu illi ghalkemm saret eccezzjoni mill-konvenut illi t-talba hi perenta peress li saret aktar minn sitt xhur wara li gie negat il-permess biex jidfnu u dan a bazi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, l-atturi jissottomettu illi t-talba taghhom mhix imsejsa fuq stharrig gudizjarju ta’ decizjoni amministrattiva izda a bazi tal-jedd ta’ proprjeta u konsegwentement liberta fuq l-uzu naxxenti minn tali jedd (ara verbal a fol. 26 tal-process).

Il-Qorti ma tistax tissostitwixxi t-talbiet attrici ma’ dak li jidhrilha ghandu jkun ix-xenarju tal-kawza. It-talbiet attrici huma fdati f’idejn l-atturi li jridu jikkonvincu lil Qorti illi a bazi ta’ dak mitlub u kif mitlub ghandhom raguni jitolbu dak li fil-fatt talbu.

**Fatti**

Il-fatti li johorgu mill-kawza huma s-segwenti. Fis-7 ta’ Ottubru 1935 Antonio Brincat xtara minghand il-Gvern rapprezentat mic-chief Government medical officer il-qabar in kwistjoni. Antonio Brincat miet fis-26 ta’ Awwissu 1958 u halla testment datat 25 ta’ Frar 1944 fejn ordna lil eredi tieghu li huma jistghu jindifnu fil-qabar flimkien ma’ uliedhom pero wara il-qabar jigi maghluq u ssigillat ghal dejjem bl-iskop li l-kadavru tieghu u ta’ martu ma jigux trasferiti f’postijiet ohra (testment a fol. 62 tal-process).

Fis-16 ta’ Marzu 2001 l-istess eredi ta’ Antonio Brincat ghamlu dikjarazzjoni forma ta’ talba ghal permess mill-Burials department biex il-qabar jigi mnaddaf (fol. 66 tal-process). Jidher li fil-11 ta’ Settembru 2001 pero saret talba biex apparti li jitnaddaf u jisewwa, il-fdalijiet u l-ghadam jigu trasferiti ghal qabar iehor (fol. 11 tal-process). Jidher li l-permess ghat-tnehhija tal-fdalijiet inghata (fol. 9 tal-process).

Skond ix-xhieda ta' Mario Cassar, senior principal environment health officer responsabbli mis-sahha tal-post u burials administration unit fi hdan il-Ministeru tas-Sahha, il-permess inghata billi f'dak iz-zmien ma kienux jafu bid-dispozizzjoni testamentarja tal-awtur tas-sidien tal-qabar mertu tal-kawza. Hu jzid li fit-12 ta' Dicembru 2004 ircevew ittra minghand in-nutar Vanessa Pool biex jigi awtorizzat it-trasferiment tal-qabar in kwistjoni mill-eredi ta' Antonio Brincat lil attur Carmelo Abela (fol. 90 tal-process). Il-kuntratt irrizulta li kien sar fit-12 ta' Gunju 2002 (fol. 88 tal-process). Zied li l-permess intalab ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 17. Bhala procedura d-dipartiment talab kopja tat-testment u gew moghtija l-kopja fejn irrizultat id-dispozizzjoni testamentarja ta' Antonio Brincat. Fis-26 ta' Jannar 2005 il-burial administration unit infurmaw lin-nutar illi ebda dfin ma kien possibbli fil-qabar minhabba d-dispozizzjoni testamentarja.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel talba attrici hi dikjarazzjoni li l-attur hu sid il-qabar in kwistjoni. Dan mhux negat min hadd. Il-kuntratt sar fl-2002 u ghalkemm il-ligi f'dan l-istadju cioe il-Burials Act Kap. 17 fl-artikolu 4 ighid illi trasferiment jehtieg il-permess tad-dipartiment tas-sahha u jidher li t-trasferiment sar bla ma intalab permess a priori mid-dipartiment, id-dipartiment mhux qed joggezzjona ghat-trasferiment. Dan jidher mill-kontenut tal-ittri tas-26 ta' Jannar 2005 (fol. 67 tal-process) u 25 ta' Jannar 2006 (fol. 13 tal-process) u mill-mod kif inhi redatta r-risposta guramentata. Kwindi l-ewwel talba ghalkemm pruvata ma kienx jehtiegilha konferma mill-Qorti.

Il-kwistjoni pero hi differenti fejn jirrigwarda t-tieni u t-tielet talbiet cioe li d-dipartiment ma ghandux obbligu jew interess jimpedixxi lil atturi milli jidfnu fil-qabar. Il-pozizzjoni tad-dipartiment hi li la darba hemm dispozizzjoni testamentarja li l-qabar ghandu jigi ssigillat wara li jmutu l-eredi ta' Antonio Brincat u wliedhom, din id-dispozizzjoni kellha tigi rispettata u kwindi d-dipartiment oggezzjona li jsir dfin f'dan il-qabar. Purtroppo d-dipartiment qabel ha din il-pozizzjoni ippermetta li jitnehhew il-fdalijiet ta' Antonio Brincat u martu kontra l-iskop principali wara d-dispozizzjoni testamentarja cioe li Antonio Brincat u martu jibqghu midfuna fl-istess qabar bla ma jintmiss il-qabar. It-talba saret mill-eredi stess ta' Antonio Brincat li kienu ghadhom hajjin meta sar il-kuntratt ta' trasferiment tal-qabar.

Il-Qorti hi tal-fehma illi ghalkemm l-eredi ivvjolaw dispozizzjni testamentarja maghmula bhala obbligu fil-konfront taghhom billi trasferew il-fdalijiet tal-konjugi Brincat kontra r-rieda espressa taghhom fit-testment ta' Antonio Brincat, ma jfissirx b'daqshekk illi tali dispozizzjoni testamentarja illum hi bla effett. Id-dispozizzjoni testamentarja rabtet mhux biss lil eredi b'mod dirett izda wkoll holqot vinkolu mal-amministratur tac-cimiterju, illum taht ir-responsabilta tal-Ministeru tas-Sahha, illi l-lok fejn hu midfun Antonio Brincat u martu jinghalaq darba ghal dejjem meta l-eredi tieghu jmutu u, sakemm ma jkunux iddisponew mod iehor, l-eredi jindifnu hemm huma wkoll. Ghamlu x'ghamlu l-eredi ta' Antonio Brincat bil-komplicita voluta jew inkonsapevoli tad-dipartiment tas-sahha, ma jbiddel xejn mill-obligu tal-Ministeru tas-Sahha li josserva dak li ried il-proprjetarju tal-qabar qua kondizzjoni fit-testment fil-konfront tal-eredi u erga omnes.

Ir-rieda tad-defunt ghandha tigi rispettata minn kull min jintlaqat bir-rieda espressa ta' testatur fit-testment. Din ir-rieda hi espressa cara u l-Ministeru tas-Sahha ghandu obbligu josservaha bhala l-kustodju tal-post tad-dfin. Hu minnu illi l-konjugi Brincat illum ma ghadhomx midfuna fejn xtaqu li jibqghu u l-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu ta' dan pero dan l-izball, biex jissejjah hekk, ma jistax jissewwa billi tigi injorata l-obbligazzjoni imposta minn Antonio Brincat fuq l-eredi ghal dak li jirrigwarda d-disponiment ta' hwejgu mill-eredi skond ir-rieda tieghu. Sfortunatament dan ifisser illi l-atturi inqabdu f'morsa pero s-soluzzjoni ma tistax tinstab billi l-Qorti tinjora dispozizzjoni testamentarja li hi espressjoni dejjiema ta' dak li jrid persuna dwar hwejgu wara mewtu. L-eredi kellhom kull dritt li jbieghu d-drittijiet li kellhom fuq il-qabar dejjem bil-caveat tal-approvazzjoni tad-Direttur tas-Sahha skond il-ligi pero qatt ma kellhom il-jedd li jinkludu f'tali bejgh id-dritt li l-akkwirent jindifen hemm, billi dan id-dritt qatt ma inghatalhom meta wirtu lil Antionio Brincat. Ergo d-dipartment agixxa skond il-ligi meta approva l-bejgh izda eskluda b'obbligu impost mid-decius id-dritt li l-akkwirent jindifen fil-qabar mixtri.

Il-Qorti hi marbuta tiddeciedi dak mitlub u fic-cirkostanzi t-tieni u t-tilet talbiet ma jistghux jigu milqugha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u fil-waqt li tilqa’ l-ewwel talba ghalkemm in effetti qatt ma giet kontestata, tichad it-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------